MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 4/2007

Gaetano u Grace konjugi Attard

Vs

Vincent u Rita konjugi Zammit

Iċ-Chairman,

Ra r-rikors, ta' Gaetano u Grace konjuġi Attard li permezz tieghu wara li ppremettew :

Illi huma, permezz ta' skrittura privata datata 25 ta' Settembru ta' l-2004 liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok A jikru lill-intimati garage bla numru, bla isem u li jifforma parti mid-dar li ġġib l-isem "Attard House" Triq San Martin, Fontana, Għawdex;

Illi l-intimati jinsabu morużi f'żewġ skadenzi ta' ħlas ta' kera;

Illi minkejja li l-intimati ġew interpellati sabiex iħallsu u dana permezz ta' ittra uffiċċjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 537/2007, fl-ismijiet premessi, datata 25 ta' Lulju, 2007 (dok. B) kif ukoll ittra uffiċċjali datata 11 ta' Settembru, 2007 u bin-numru 649/2007, fl-ismijiet premessi (Dok. c) li bihom ġew debitament notifikati l-intimati xorta baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex dan il-Bord jgħoġbu jawtorizzah jirriprendi lura l-pussess tal-fond fuq imsemmi u li jipprefissa żmien biex l-intimati jiġu żgumbrati minn ġo fih.

Ra ukoll id-dokumenti kollha annessi  ma' l-istess rikors,

Ra r-riferta pożittiva ta' l-intimati, illi ġew notifikati b'dan ir-rikors fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru 2007, innota illi l-istess intimati naqsu illi jwieġbu għal dan ir-rikors, kif ukoll illi jidhru għal l-udjenza tal-lum, għal liema data kien appuntat l-istess rikors,

Billi jirriżulta minnu dak li qed jiddikjaraw ir-rikorrenti fir-rikors tagħhom, u ċioe' illi l-intimati naqsu illi jħallsu l-kera dovuta għal żewġ skadenzi, u dana minkejja li ġew debitament notifikati permezz ta' żewġ ittri uffiċċjali, u dana kif jirriżulta minn l-ittra uffiċċjali tal-ħamsa u għoxrin ta' Lulju, 2007, li ġiet notifikata lill-intimati fl-ewwel ta' Awissu 2007; kif ukoll l-ittra uffiċċjali tal-11 ta' Settembru, 2007, li ġiet debitament notifikata lill-istess intimati, fl-14 ta' Settembru, 2007; billi wkoll l-iskadenza ta' tlett mija u ħamsin lira (Lm350), kera kellha titħallas kull tlett xhur bil-quddiem kif jirriżulta mill-kawża numru tnejn (2) tal-ftehim ta' kera in kwistjoni, kif jirriżulta mid-dokument A anness ma' l-istess rikors, u li jġib id-data tal-ħamsa u għoxrin ta' Settembru, 2004, billi għal hekk ġiet fis-seħħ is-subinċiż A(i), ta' l-artikolu 9 tal-Kap disgħa u sittin (69), tal-liġijiet ta' Malta,

Iċ-Chairman jiddeċidi dan ir-rikors billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jawtorizzahom jirriprendu lura l-pussess tal-fond indikat fir-rikors, u ċioe' l-garage mingħajr numru, u mingħajr isem, li jifforma parti mid-dar li ġġib l-isem "Attard

House", fi Triq San Martin, Fontana, Għawdex, u jippreфiġġi terminu ta' xahar u nofs mil-lum, sabiex l-intimati jiżgombraw minn l-istess fond.

L-ispejjeż għandhom jiġu ssopportati minn l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------